MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 239/2009

**A B f'isimha proprju u b'digriet tat-3 ta' Awissu, 2009 bhala kuratrici "ad litem" ta' uliedha minuri I, J, Y, u N ahwa B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi hija u zewgha l-intimand ilhom mizzewgin sbatax (17)-il sena u ghandhom erbat (4) itfal – I (16), J (15), Y (10) u N (1) – kollha

minorenni;

Illi l-hajja taz-zwieg bejn il-kontendenti m’ghadhiex aktar possibbli minhabba ragunijiet imputabbli lill-intimand l-aktar minhabba nuqqas ta’ hlas ta’ manteniment u tfarrik irrimedjabbli taz-zwieg;

Illi hija nghatat il-permess biex tmexxi bid-digriet 580/09 (ittra 447/09) – Dok B;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara il-firda personali bejn iz-zewg kontendenti u dan minhabba ragunijiet imputabbli lill-intimand;
2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-erbat itfal minuri I, J, Y u N – lkoll ahwa B – f’idejn l-esponenti b’dan li l-intimand ikollu access ragonevoli;
3. Tiffissa retta alimentari xierqa ghall-esponenti u l-erbat itfal minuri I, J, Y, u N ahwa B;
4. Tittermina l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn iz-zewg partijiet kontendenti, tillikwidaha, u taqsamaha b’mod li jirrifletti l-komminazzjoni kontra l-intimand tal-Art. 51 tal-Kap. 16;

Bl-ispejjez kontra l-intimand imharrek minn issa in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li *in forza* taghha eccepixxa :

1. Illi l-esponent mhux responsabbli ghat-tfarrik taz-zwieg;
2. Illi bhalissa t-tfal I u J qeghdin joqghodu ma’ l-esponent;

3. Illi l-esponent meta jkun qed jahdem huwa lest li jhallas manteniment regolari ghat-tfal;
4. Illi l-esponent halla d-dar konjugali u halla l-affarijiet kollha fid-dar. Ma' hemm xejn ta' valur biex jigi likwidat;

Bl-ispejjez

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet fejn ir-rikorrenti tikkontendi li z-zwieg tkisser ghal ragunijiet li huma imputabbli lill-intimat.

Min-naha tieghu l-intimat jikkontendi li mhux responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg, li tnejn minn erba' wlied jghixu mieghu u li meta jkun qieghed jahdem, ikun lest li jhallas manteniment ghal uliedu b'mod regolari. Izid jghid li halla d-dar matrimonjali b'dan li m'hemm xejn ta' valur x'jigi likwidat.

**<u>Il-VERZJONI TAR-RIKORRENTI</u>**

Permezz tal-affidavit taghha[1] r-rikorrenti tghid li l-intimat jaghmel dak li jiftillu b'dan li lanqas ihallas manteniment ghall-ulied. Tikkonferma li z-zewgt ulied il-kbar u cioe' I u J jixtiequ jghixu ma' missierhom pero' tiddikjara li l-bieb ghalihom dejjem miftuh. Izzid tghid ukoll li dak li kellu jiehu mid-dar matrimonjali, l-intimat diga' ha l-pussess taghhom.

Tikkontendi wkoll li l-intimat ried jerga' jirrikoncilja izda ssostni li dan huwa biss ghal ragunijiet personali tieghu u xejn aktar, principalment biex isib kollox lest u nadif fid-dar u xejn aktar ghaliex ma jaghtix kasha u jigdeb. Tghid li qal kontra taghha b'dan li qed idawwar lill-ulied kontriha u ssostni li dan qed isir min-naha tieghu biex iccedi bhal ma kienet ghamlet fil-passat.

**<u>IL-VERZJONI TAL-INTIMAT</u>**

Permezz tal-affidavit tieghu[2], l-intimat jghid li m'ghandux impjieg b'dan li jircievi s-somma ta' mija u erbgha u erbghin ewro u disgha u sittin centezmu (€144.69) fil-ġimgħa bħala għajnuna soċjali. Iħallas kera ta' mija u hdax il-ewro (€111) fix-xahar għall-post fejn joqgħod ma' martu u wliedu. Jgħid li jħallas is-somma ta' mitejn u hamsin ewro (€250) fix-xahar bħala dawl u ilma, internet u *mobile* fl-ammont ta' hamsa u tletin (€35) fix-xahar kif ukoll medja ta' mitt ewro (€100) fil-gimgha bhala spejjez ghall-bzonnijiet tad-dar, ikel, hwejjeg u affarijiet essenzjali. Izid jghid ukoll li ghandu spejjez ta' tletin ewro (€30) fil-gimgha. Jghid li proprju ghaliex ghandu introjtu li huwa anqas minn dak li ghandu bzonn biex jghix bih, jispicca biex ma jaghmilx pagamenti li suppost jaghmel ghad-dawl u l-ilma u spejjeż ohra. Izid jghid ukoll li kellu zewg kumpaniji li t-tnejn qieghdin fi stadju ta' stralc pero' m'ghandux flus bizzejjed biex ihallas ghal tali stralc b'dan li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni qed jitlob l-ammont ta' hamest elef ewro (€5,000) in konnessjoni ma' dawn iz-zewg kumpaniji.

[1] Esebit a fol 31 tal-process

[2] Esebit a fol 52 tal-process

Sussegwentement permezz tax-xiehda tieghu[3] l-intimat jiddikjara li qieghed jahdem f'Bay Street fuq bazi *part-time* bir-rata ta' €4.50 fis-siegha[4]. Jghid li meta jkun id-dar ihallas ghax-xirja u jaghmel dak kollu li hemm bzonn ghad-dar, il-kera, l-internet u d-dawl u l-ilma. Dwar il-visa u d-debitu taghha jghid li l-flus intuzaw meta kien jahdem il-Libja pero' ma setax ihallasha.

**<u>IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM DIN IL-QORTI</u>**

Permezz tal-affidavit tieghu[5] Alfred Micallef, missier ir-rikorrenti, jikkonferma dak kollu li ssostni bintu permezz tal-affidavit taghha, b'dan li l-introjtu li kien jaqla' l-intimat kien izommu kollu ghalih, jamministrah hu stess minghajr ma juriha b'xejn. Jghid ukoll li l-intimat dejjem ried ikollu *business* b'dan li wasal biex jissellef il-flus u spiċċa bit-telf. Jaghlaq billi jghid li l-akbar storja li ghamel l-intimat kienet meta telaq mix-xoghol li kellu hawn Malta biex imur jahdem il-Libja, u dan kontra dak li riedet ir-rikorrenti martu. Ghamel ta' rasu (bhal dejjem) biex imbaghad lanqas biss kien jibghat flus ghall-hajja. Ix-xhud jghid li kieku kien ghall-intimat, familtu kienet tispicca titlob il-karita'.

Permezz tal-affidavit taghha, Antoinette Micallef[6] tikkorrabbora dak li jghid zewgha u li l-problema principali bejn il-partijiet kienet dejjem dik finanzjarja, anke ghaliex il-familja kienet dejjem qed tikber. Tghid li l-intimat ghamel id-dejn bit-tir li jaghmel *business* barra minn Malta u dan kontra x-xewqa ta' bintha, biex spicca ghamel it-telf. Tikkonferma wkoll l-istorja li jsemmi zewgha meta l-intimat mar il-Libja b'dan li zzid tghid li kellhom ikunu hi u zewgha li jghinu lil binthom ghall-hajja u biex trabbi l-ulied ghaliex l-intimat ma kienx jibghat flus.

---

[3] Datata t-22 ta' Novembru 2011 esebita a fol 65 tal-process

[4] Ara Dok. MAH1 esebit a fol 68 tal-process

[5] Esebit a fol 32 tal-process

[6] Ara l-affidavit taghha esebit a fol 33 tal-process

Permezz tan-nota guramentata taghha[7], r-rikorrenti tghid li ilha ma tahdem minn mindu l-partijiet izzewgu fis-sena 1991 u li l-uniku dhul li ghandha huwa dak tal-għajnuna soċjali relattiva għal żewġt ulied fl-ammont ta' €443.88 fix-xahar flimkien mac-*children's allowance* fl-ammont ta' €577.98 kull tlett xhur. Tikkontendi wkoll li għandha spejjeż ta' €596.93, skont il-prospett li hija tippreżenta u tigguramentah ukoll[8].

**DWAR IT-TALBA GHAS-SEPARAZZJONI PERSONALI**

Dwar l-ewwel talba, il-Qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghal Artikolu 40 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jsegwi hekk:

"***Kull waħda mill-partijiet miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi tal-parti l-ohra kontra l-attur jew kontra xi wiehed jew iehor mit-tfal tieghu, jew minhabba li l-hajja flimkien ma tkunx ghadha possibbli ghax iz-zwieg ikun tkisser irrimedjabbilment***".

Mill-provi esebiti, specjalment mill-fatt li l-intimat jidher li ma assumiex ir-responsabbilitajiet ta' missier u ta' ragel mizzewweg, tant li sahansitra telaq mid-dar matrimonjali u jirrizulta wkoll mill-atti li l-istess intimat ilu msiefer barra minn Malta ghal aktar minn sena u nofs[9], il-Qorti m'ghandha ebda dubju li z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli u allura t-talba tal-istess rikorrenti ghas-separazzjoni personali ma tistax ma tintlaqax u dan abbazi ta' ragunijiet li huma unikament imputabbli lill-istess intimat.

**DWAR IT-TALBA TAL-KURA U L-KUSTODJA U ACCESS TAL-MINURI**

---

[7] Esebita a fol 37 tal-process

[8] Ara Dok. X esebit a fol 40 tal-proċess

[9] Ara l-verbal datata l-11 ta' Gunju 2013

Il-Qorti tirrileva li t-talba ta' kura u kustodja ghandha tigi determinata u deciza skond il-principju tal-ahjar interessi tal-minuri. Ir-rikorrenti tikkontendi li huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata esklussivament f'idejha anke minhabba l-fatt li l-istess intimat lanqas biss jivversa manteniment ghall-istess uliedu. Mill-atti jirrizulta li l-ulied il-kbar (tnejn) kienu qed jirrisjedu mal-intimat, pero' *stante* li l-intimat jidher li telaq minn Malta u ilu msiefer ghal aktar minn sena u nofs il-Qorti m'ghandha ebda hjiel dwar ma' min qieghdin l-istess ulied (ghalkemm huma ghandhom l-eta' taghhom). Dan naturalment ikollu piz fuq il-fatt jekk tali ulied humiex qed jistudjaw fuq bazi *full-time* jew le kif ser jinghad aktar 'il quddiem. Jirrizulta wkoll mill-atti li l-ulied l-ohra huma fil-kura u l-kustodja effettiva tar-rikorrenti u ilhom hekk sa' mill-bidu tal-proceduri. L-intimat ma jressaq ebda oggezzjoni ghal tali talba u fuq kollox ma jressaq ebda prova li permezz taghha juri li r-rikorrenti m'hijiex idonea sabiex tiehu hsieb lill-minuri. Fid-dawl ta' dan kollu u fin-nuqqas ta' xi prova li turi li m'huwiex fl-ahjar interessi tal-minuri li r-rikorrenti tkun fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri, l-Qorti thoss li huwa naturali li l-kura u l-kustodja tal-istess minuri ghandha tigi fdata f'idejn l-istess rikorrenti li min-naha taghha ilha tiehu hsieb lill-istess minuri b'mod esklussiv ghal zmien twil.

Il-Qorti thoss li *stante* li l-intimat jghix barra minn Malta, ghandu jkun hemm access favur tieghu b'mod telefoniku ghall-anqas ta' darba fil-gimgha, liema telefonata ghandha ssir da parti tal-istess intimat u meta jkun hawn Malta ghal darbtejn fil-gimgha u cioe' nhar ta' Erbgha u nhar ta' Sibt bejn l-4.00pm sas-7.00pm;

## **<u>DWAR IT-TALBA GHALL-MANTENIMENT TAL-ULIED</u>**

iL-Qorti taghmel referenza ghad-digriet taghha datat it-30 ta' Mejju 2011[10] fejn l-intimat gie ordnat ihallas is-somma ta' 100Euro kull erba' gimghat bhala manteniment ghall-minuri.

[10] Ara a fol 57 tal-process

Il-Qorti tirrileva li mill-assjem tal-provi kollha, jidher li z-zewgt ulied –il kbar (li llum il-gurnata ghandhom l-eta' taghhom) kienu qieghdin jirrisjedu mal-intimat pero' ma jirrizulta xejn dwar x'qieghdin jaghmlu l-istess ulied u fejn qed jirrisjedu. Naturalment tali informazzjoni hija krucjali ghall-kwistjoni ta' manteniment sabiex jigi stabbilit jekk hemmx lok ghal hlas ta' manteniment f'kaz li l-istess ulied ikunu qed jistudjaw fuq bazi *full-time* u jkunu ghadhom m'ghalqux l-eta' ta' tlieta u ghoxrin sena.

Tenut kont tal-fatt li l-minuri ser ikomplu jirrisjedu flimkien mal-attrici ommhom kif wara kollox ilhom jaghmlu ghall-anqas miz-zmien li l-intimat allontana ruhu mid-dar matrimonjali b'mod volontarju, l-Qorti thoss li jkun opportun li tali manteniment ikun jinkorpora fih ukoll l-ispejjez relattivi tas-sahha u l-edukazzjoni li jidher li l-intimat ma jaghmilx tajjeb ghalihom lanqas. Fic-cirkustanzi, l-Qorti thoss li manteniment ta' mitt ewro kull erba' gimghat iffissat precedentment minn din il-Qorti ghandu jkun applikat ghal kull wild minuri u jinkludi fih l-ispejjez relattivi ghas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess minuri. Tali manteniment ghandu jkun dovut mill-intimat ghal kull wild *di fermo* sakemm kull wiehed minnhom jaghlaq l-eta ta' 18 –il sena. Wara l-eta' ta' 18 –il sena, l-istess manteniment ikun dovut biss mill-intimat kwantu ghal dawk l-ulied li jkunu qed jistudjaw fuq bazi *full-time* u ma jkunux ghalqu l-eta' massima ta' 23 sena. F'kaz li xi wiehed jew wahda mill-ulied li jkun jew tkun ghalaq l-eta' ta' 18 –il sena, jkun qed jistudja *full-time* u ma jkunx qed jirrisjedi mar-rikorrenti allura tali manteniment ghandu jithallas mill-intimat direttament lill-istess wild.

**<u>DWAR IT-TERMINAZZJONI TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI</u>**

Il-Qorti tirrileva li dwar il-komunjoni tal-akkwisti ftit li xejn tressqu provi. Jissemma dejn relatat mal-kont tad-dawl u l-ilma (f'liema fond tirrisjedi b'mod esklussiv ir-rikorrenti) u jissemma dejn mal-*Visa* li dwarha m'hemm ebda dettalji. Il-Qorti thoss, anke in vista tad-dikjarazzjoni li jaghmel l-intimat fix-xiehda tieghu tat-22 ta' Novembru 2011, li d-dejn relattiv mal-Visa msemmija ghandu jithallas esklussivament mill-istess

intimat. Jidher li l-partijiet ma ressqu ebda prova dwar kontijiet bankarji, la f'isimhom personali u lanqas b'mod konguntiv. Forsi dan ghaliex, kif jispjega l-intimat permezz tan-nota ta' eccezzjonijiet tieghu, m'hemm xejn ta' valur x'jigi likwidat b'dan li jiddikjara li huwa halla kollox warajh u jidher li m'ghandu ebda interess fihom. Huwa xieraq u opportun ghalhekk li l-mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali jigu assenjati b'mod esklussiv lir-rikorrenti.

**DECIDE**

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija imputabbli unikament lill-intimat;

[2] Tilqa' t-tieni talba limitatament ghall-ulied li huma minuri u cioe' Y u N, b'access favur l-intimat b'mod telefoniku ghall-anqas ta' darba fil-gimgha, liema telefonata ghandha ssir da parti tal-istess intimat u meta jkun hawn Malta nhar ta' Erbgha u nhar ta' Sibt bejn l-4.00pm sas-7.00pm;

[3] Tilqa' it-tielet talba u tillikwida l-ammont ta' mitt ewro (€100) kull erba' gimghat ghal kull wild *di fermo* sakemm kull wiehed minnhom jaghlaq l-eta ta' 18 –il sena. Wara l-eta' ta' 18 –il sena, l-istess manteniment ikun dovut biss mill-intimat kwantu ghal dawk l-ulied li jkunu qed jistudjaw fuq bazi *full-time* u ma jkunux ghalqu l-eta' massima ta' 23 sena. F'kaz li xi wiehed jew wahda mill-ulied li jkun jew tkun ghalaq l-eta' ta' 18 –il sena, jkun qed jistudja *full-time* u ma jkunx qed jirrisjedi mar-rikorrenti allura tali manteniment ghandu jithallas mill-intimat direttament lill-istess wild.

[4] Tilqa’ r-raba’ talba b’dan li tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet b’dan li kwalunkwe dejn li setghu ghamlu l-partijiet *ad insaputa* tal-parti l-ohra ghandu jithallas unikament minn dik il-parti li tkun ghamlitu, filwaqt li kwantu ghad-dejn relattiv mal-bank dwar *credit cards* intestati f’isem kull parti rispettiva ghandu jithallas unikament minn dik il-parti, filwaqt li dawk intestati f’isem iz-zewg partijiet ghandu jigi sapportat unikament mill-intimat. Id-dejn gravanti ghas-servizzi tad-dar matrimonjali ghandu jithallas unikament mir-rikorrenti. Il-mobbli kollha li jinsabu fid-dar matrimonjali qed jigu assenjati lir-rikorrenti b’mod esklussiv.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------